9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 75**

**It-Tnejn, 20 ta' Novembru 2023**

Il-Laqgħa numru 75 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' Novembru 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Lis-Sa Lorna Sultana | Accountant |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**75.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa ma kiex hemm ittri t'apoloġija.

**75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**75.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 73 u 74 ġew approvati unanimament.

**75.2.2 Korrezzjonijiet**

**75.2.2.1** Minuta 73.3.3 – il-kelma "seret" issir "saret"

**75.2.2.2** Minuta 72.5.2 – tinbider il-frażi "l-Għaqda tal-Banda" u issir "Socjeta' Filarmonika"

**75.2.2.3** Minuta 73.10 – jiżdied l-isem "Joe" qabel "Vella"

**75.2.2.4** Minuta 74.5.1 – il-kelma "emedanti" issir "emendati"

**75.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**75.3.1** Minuta 73.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li it-tender tal-latrina li ser issir fi ġnien Romeo Romano kien hemm żewġ offerenti fejn jidher li wieħed mill-offeranti għamel li l-ispiza hija ta €10k fejn jidher li l-ammont sar bi żball. Għat-tieni offerta intbgħatet klarifikazzjoni iżda l-offerant ma weġibx. F'dan ir-rigward din it-tender ser ikollha terga' toħroġ mill-ġdid.

**75.3.2** Minuta 73.3.3 - Is-Sindku informa lill-membri li s-sid tal-garaxx qabel sabiex iżomm l-istess kirja għas-sena li ġejja wara li saret laqgħa miegħu.

**75.3.3** Minuta 73.4.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia sabiex iduru Triq il-Kbira San Ġużepp ġiet posposta għal ġurnata oħra u issa hija ppjanata li issir fl-14 ta' Diċembru 2023.

**75.3.4** Minuta 72.4.1 - Is-Sindku informa lill-membri li hemm CCTV cameras fit-toroq li kienu ġew deċiżi saret preservazzjoni tagħhom filwaqt li l-meter tad-dawl baqa' imwaħħal. Is-Sindku informa lill-membri li waqt laqgħa li kellu mal-Pulizija dawn irrakkomandaw sabiex titħalla l-camera waħda u jsir moniteraġġ mill-Kunsill stess. Wara diskussjoni l-membri ma qablux ma din il-proposta u għaldaqstant CCTV cameras ser jibqgħu mitfija hekk kif kien ġie deċiż.

**75.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**75.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva informazzjoni fejn ġejna notifikati li l-Klabb tal-Boċċi waqaf mill-proġett tal-*canopy* peress li xi dokumenti li talbu l-Awtorita tal-Ippjanar, baqgħu ma ġewx sottomessi fil-ħin.

75.4.2 Is-Sindku informa lill-Membri li saret ħsara fuq lampa tad-dawl fi Triq Brighella minn terza persuna. Dan il-persuna ġie identifikat u diġa intbgħatet ittra legali sabiex iħallas għal ispejjeż li saru. Il-Kunsill reġa' bagħat ittra oħra sabiex jitħallsu dawn l-ispejjeż iżda jekk din il-persuna mhux ser tħallas il-flus dovuti tal-ħsarat, il-Kunsill ser jipproċedi bil-Qorti.

75.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li hemm problema fi Triq Kanonku Bonnici fejn sid ta' garaxx kien qed juża il-garaxx bħala salott u għaldaqstant il-Kunsill neħħa il-kaxxa safra sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi. Is-sinjur bagħat ittra legali lill-Kunsll fejn qal li dan huwa garaxx u li jdaħħal il-karozza. F'dan ir-rigward il-Kunsill għandu provi biżżejjed li dan mhux jintuża kif suppost u għaldaqstant il-kunsill qiegħed f'pozizzjoni li jmexxi l-każ għand l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikunu jistgħu jinvestigaw il-każ.

**73.5 Rapporti / Korrispondenza**

**73.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Kunsill Reġjonali fejn ser ikunu qegħdin norganizzaw attività speċjali sabiex jiċċelebraw kemm l-għeluq taċ-ċelebrazzjonijiet tar-Regjun Kulturali kif ukoll il-bidu taż-żmien festiv tal-Milied. L-attività ser issir nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Diċembru 2023 mis-6.30pm ‘l quddiem ġewwa r-Razzett l-Antik, Ħal Qormi. Din l-attività se tkun tikkonsisti wkoll f’ikla tradizzjonali Maltija.

Għal din l-attività huma mistiedna l-Kunsilliera kif ukoll l-Istaff flimkien mas-sieħeb/sieħba tagħhom.

## 75.6 Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 75.6.1 Tenders

Is-Sindku informa lill-membri dwar it-tenders u l-istima finanzjarja

- **Tender Umberto Calosso** – “Works for the Restoration and rehabilitaion of classrooms fejn l-ispiza ser tammonta għal €193k. Peress li l-ispiża ġiet iktar minn kemm konna qed nantiċipaw, kien hemm qbil sabiex jintalbu fondi addizzjonali sabiex ikopru l-ispiża.
- **Tender Green Pillars** – “Works for the civil Works of Green Pillars fi Triq il-Ferrovija Santa Venera fejn l-ispiza ser tammonta għal €59k
- **Tender Ġuże Flores** – “Works for the Civil and finishing Works of the retrofitting Ġuże Flores playground fejn l-ispiza ammonta għal €80k
- **Tender Bus Shelter** – “Replacement of a Bus shelter in Triq il-Kbira San Gużepp fejn l-ispiża tammonta għal €18k
- **Tender Latrina Pubblika fi Ġnien Romeo Romano** – Spiża tammonta għal €97k pero tender irid jerġa jinħareġ.

### 75.6.2 Rendikont Finanzjarju – Settembru 2023

L-accountant is-Sa. Lorna Sultana spjegat fid-dettal lill-membri preżenti l-*quarterly report* ta’ bejn Jannar u Settembru 2023.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Kursten Dimech ssekondat lis-Sindku għall-approvazzjoni tal-*quarterly report*. Il-membri qablu unanimament.

### 75.6.3 Budget 2024

Is-Sa. Lorna Sultana spjegat fid-dettal lill-membri tal-Kunsill l-estimi tal-bagit 2024. Kienu diskussi il-*Financial Committments* kollha li l-Kunsill għandu għas-sena 2024 fejn jirrigwardaw il-proġetti kapitali.

Is-Sindku ppropona l-estimi finanzjarji hekk kif kien ġie diskuss filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-membri qablu unanimament.

Waqt diskussjoni ġier deciz sabiex il-Laqgha tal-Lokalita’ dwar l-estimi finanazjarji għas-sena 2024 issir it-Tnejn 18 ta’ Diċembru 2023 fl-16:30hrs fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

**75.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**75.7.1** L-iskeda tal-pagamenti Nru 417 u Petty cash: Proponent Is-Sa Roberta Sultana u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech. – approvati unanimamnet

**75.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**75.9 Lista ta' Ilmenti**

**75.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 288 | Irid jiġi idnetifikat min hu s-sid biex issir talba neċessarja |
| 289 | Deċiżjoni ittieħdet fil-laqgħa preċedenti |
| 290 | Work Order Grima & Sons |
| 291 | Ħaddiema Assenjati |
| 295 | Din it-talba kienet saret lil TM fil-passat |
| 296 | Ħaddiema Assenjati |
| 298 | Liema Triq? |
| 300 | Work Order Grima & Sons |
| 301 | Work Order Logografix + isiru wkoll dawk l-ismijiet tat-toroq li kien identifika il-Contract Manager |
| 303 | Ħaddiema Assenjati |
| 304 | Ħaddiema Assenjati |
| 306 | Ħaddiema Assenjati |
| 307 | Work Order Grima & Sons |
| 308 | Ħaddiema Assenjati |
| 309 | Transport Malta |
| 310 | Direct Order biex jigi simili |
| 311 | Tintbgħat ittra legali |
| 312 | Ħaddiema Assenjati |
| 313 | Ħaddiema Assenjati |
| 314 | Ħaddiema Assenjati |
| 315 | Ħaddiema Assenjati |
| 316 | Ħaddiema Assenjati |
| 317 | Ħaddiema Assenjati |
| 318 | Ħaddiema Assenjati |
| 319 | Ħaddiema Assenjati |
| 320 | Ħaddiema Assenjati |
| 321 | Ħaddiema Assenjati |
| 322 | Ħaddiema Assenjati |
| 323 | Work Order lil Grima – Misraħ il-Kebbies directional Signs |

## 75.10 Mistoqsijiet bil-miktub mill-Kunsilliera

Is-Sur Joe Vella bagħat bil-miktub mistoqsijiet lis-Sindku. Anness Dok 'A' jinstabu t-tweġibiet.

## 75.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Diċembru 2023, fil-5.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 15 ta' Jannar, 2024